



---

*Kumitat għall-Iżvilupp*

---

**2022/0142M(NLE)**

14.10.2022

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea  
(2022/0142M(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Michèle Rivasi

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jappoġġja bil-qawwa l-konklużjoni tan-negozjati dwar il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja (VPA) dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-gvern u l-kummerċ (FLEGT) bejn l-UE u l-Guyana, li se jtejjeb il-ġestjoni u t-tmexxija sostenibbli tal-foresti, inaqas il-qtugħ illegali tas-siġar u jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, jiproteġi l-bijodiversità u jikseb l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs); ifakkar fir-responsabbiltà tal-UE għall-protezzjoni, ir-restawr u r-reżiljenza tal-foresti tad-dinja, li huma essenzjali għal firxa wiesgħa ta' servizzi tal-ekosistema, iżda li huma affettwati ħafna mit-tibdil fil-klima u l-attività tal-bniedem; jenfasizza li l-VPAs huma parti integrali mill-isforzi tal-UE biex jintlaħqu l-miri stabbiliti mill-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda 2030 tan-NU billi tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pajjiżi produttori u dawk importaturi; jisħaq, f'dan ir-rigward, li VPAs ma' sħab ġodda għandhom jiġu promossi;
2. Jirrikonoxxi r-rwol tal-foresti tal-Guyana, li jammontaw għal 2 % tal-prodott domestiku gross u 6 % tal-impjiegi l-ġodda, fl-ekonomija u l-ħolqien tal-impjiegi u għalhekk fit-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp; jenfasizza li d-dimensjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi għandhom jiġu kkunsidrati kif xieraq b'mod bilanċjat u integrat u dejjem ikunu akkumpanjati minn ġestjoni tajba; jinnota li l-ammont ta' injam innegozjat bejn l-UE u l-Guyana huwa żgħir, u jammonta għal 8 % tal-esportazzjonijiet tal-injam tal-Guyana; jinnota għalhekk li l-VPA mhux biss se jikkontribwixxi għal trasparenza akbar fil-kummerċ tal-injam, iżda jista' wkoll jiftaħ opportunitajiet akbar għall-Guyana biex tesporta din ir-riżorsa naturali lejn l-UE u lejn swieq ġodda;
3. Jisħaq li l-governanza ħażina u l-korruzzjoni fis-settur tal-forestrija jaċċelleraw il-qtugħ illegali tas-siġar u d-degradazzjoni tal-foresti; jirrikonoxxi l-impenn u r-rieda politika tal-Guyana għal ġestjoni tajba tal-foresti; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdedu l-isforzi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li jkun rispettati l-istat tad-dritt u li jissaħħaħ il-ġbir tad-data biex tittejjeb l-implimentazzjoni tas-sistema ta' traċċabbiltà; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni tassisti lill-gvern u lill-awtoritajiet fil-Guyana matul il-proċess tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT u tipprovdli l-appoġġ tekniku meħtieġ sabiex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u l-applikazzjoni korretta tas-Sistema ta' Garanzija tal-Legalità tal-Injam tal-Guyana; ifakkar f'dan ir-rigward li l-arranġamenti ta' monitoraġġ, segwitu u valutazzjoni huma parti integrali ta' ftehim sod u effettiv;
4. Jisħaq li s-suċċess tal-governanza, il-kummerċ u l-infurzar tal-liġi fil-forestrija jiddependi wkoll fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-frodi ta' kull tip tul il-katina tal-provvista tal-injam, u għalhekk jilqa' l-isforzi tal-Guyana biex tikseb aktar trasparenza u jistenna bil-ħerqa kooperazzjoni pożittiva kontinwa fil-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u d-degradazzjoni tal-foresti;
5. Ifakkar li l-ġestjoni u l-governanza sostenibbli u inklużivi tal-foresti huma essenzjali biex jinkisbu l-oġettivi stabbiliti fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u fil-Ftehim ta' Pariġi, partikolarment permezz ta' kontribuzzjonijiet determinati nazzjonalment;

ifakkar fl-importanza tal-estrazzjoni minerarja bħala mutur ewlieni tad-deforestazzjoni tropikali, li tirriżulta f'erożjoni u kontaminazzjoni sostanzjali tal-ħamrija, żieda fil-frammentazzjoni tal-foresti u t-tniġġis tal-merkurju tax-xmajjar u tan-nixxigħat; jinnota li l-Guyana qed tespandi l-industrija tagħha taż-żejt, tal-gass u tal-minjieri; jistieden lill-gvern tal-Guyana jieħu passi ulterjuri fit-trażżin tal-minjieri illegali; jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' koerenza bejn ir-regolamentazzjoni fis-settur tal-foresti u dak fis-settur tal-minjieri; jilqa' ftehimiet ulterjuri li għandhom l-għan li jikkomplementaw il-FLEGT-VPA dwar kwistjonijiet ambjentali;

6. Jinsisti fuq l-implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipji ta' kunsens liberu, minn qabel u infurmat (FPIC) tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-estrazzjoni minerarja; ifakkar li l-FPIC għandu jinkiseb bħala kundizzjoni għax-xiri jew l-użu ta' art forestali abitwali, f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Nru 169 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Popli Indiġeni u Tribali u l-istandards stabbiliti fil-Linji Gwida Volontarji tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti;
7. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu żviluppati sħubijiet u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni biex tiġi indirizzata b'mod konġunt il-governanza tal-foresti fl-aspetti kollha, inkluż għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni;
8. Jilqa' l-involviment tal-partijiet interessati fil-proċess ta' negozjati; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat l-involviment effettiv u adegwat tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż is-settur privat u s-soċjetà ċivili, u b'mod partikolari n-nisa, iż-żgħażaġh, il-gruppi emarġinati u l-komunitajiet lokali u indiġeni, matul l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-FLEGT-VPA;
9. Jisħaq li s-suċċess tal-inizjattiva FLEGT kollha jiddependi, fost affarijiet oħra, fuq il-garanzija tal-protezzjoni effettiva għall-art u r-rikonossiment sħiħ tad-drittijiet konswetudinarji tal-komunitajiet lokali u tal-popli indiġeni, b'mod partikolari l-komunitajiet Amerindjani, inkluż id-dritt tagħhom li jagħtu jew jirrifjutaw il-kunsens tagħhom għal kwalunkwe konċessjoni tal-injam fuq l-art tagħhom bħala kwistjoni ta' ġustizzja soċjali, il-protezzjoni tad-difensuri ambjentali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-informaturi, u t-titjib tal-kapaċità tal-intrapriżi żgħar u medji biex iwettqu l-attivitajiet tagħhom legalment; jisħaq li l-UE għandha tibni fuq l-għarfien tradizzjonali tal-popli indiġeni u komunitajiet lokali oħra dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti; ifakkar f'dan ir-rigward fl-importanza li jiġi evitat kwalunkwe piż amministrattiv addizzjonali fuq l-SMEs u li tingħata assistenza legali lil dawn il-kumpaniji biex tiġi żgurata l-konformità tagħhom ma' ftehimiet, strumenti u dokumenti internazzjonali ġodda rigward l-ambjent;
10. Itenni t-talba tiegħu lill-Unjoni tikkonforma mal-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp u tiżgura l-konsistenza bejn il-politiki tagħha fl-oqsma tal-iżvilupp, il-kummerċ, l-agrikoltura, l-enerġija u l-klima;
11. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-finanzjament allokat għas-sħubija forestali mal-Guyana biex takkumpanja l-implimentazzjoni tal-VPA bħala parti mill-proċess ta' rieżami għall-programm indikattiv pluriennali għall-Guyana (2025-2027).

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	13.10.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 15 -: 0 0: 6
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Eric Andrieu, Hildegard Bentele, Catherine Chabaud, Lefteris Christoforou, Antoni Comín i Oliveres, Mónica Silvana González, Pierrette Herzberger-Fofana, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Beata Kempa, Karsten Lucke, Pierfrancesco Majorino, Erik Marquardt, Tomas Tobé, Miguel Urbán Crespo
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ilan De Basso, Caroline Roose
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	France Jamet, Pierre Karleskind, Ljudmila Novak, Christine Schneider

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>15</b>	<b>+</b>
ECR	Beata Kempa
ID	France Jamet
NI	Antoni Comín i Oliveres
PPE	Hildegard Bentele
RENEW	Catherine Chabaud, Pierre Karleskind
S&D	Eric Andrieu, Ilan De Basso, Mónica Silvana González, Karsten Lucke, Pierfrancesco Majorino
THE LEFT	Miguel Urbán Crespo
VERTS/ALE	Pierrette Herzberger-Fofana, Erik Marquardt, Caroline Roose

<b>0</b>	<b>-</b>

<b>6</b>	<b>0</b>
PPE	Lefteris Christoforou, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Ljudmila Novak, Christine Schneider, Tomas Tobé

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni